**MALTA**
**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Maġistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 2579/2015/1**

**Fl-Atti taċ-Ċedola ta' Depożitu bin-Numru 2520/15 fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Nru. 2579/15 fl-ismijiet:**

**Il-Kummissarju tat-Taxxi**

**Vs**

**Konrad J. Muscat**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ippreżentat mill-Kummissarju tat-Taxxi fl-14 ta' April 2021 permezz ta' liema jitlob li jiġi awtorizzat jiżbanka l-ammont ta' mitejn sitta u sebgħin Euro u sebgħa u sittin ċenteżmu (€276.64), akkont ta' l-spejjeż minnu inkorsi għall-ħruġ tal-Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv bin-Numru 2579/15, liema ammont ġie depożitat permezz ta' Ċedola ta' Depożitu bin-Numru 2520/15;

Rat id-dokumenti annessi mar-Rikors tal-Kummissarju tat-Taxxi;

Rat ir-Risposta ta' Konrad J. Muscat ippreżentata fl-4 ta' Ġunju 2021 permezz ta' liema jopponi għat-talba tal-Kummissarju tat-Taxxi u jitlob li l-istess tiġi miċħuda stante li: (i) talba identika kienet già saret b'Rikors ippreżentat fl-2017, liema talba kienet ġiet miċħuda; (ii) minħabba l-fattispecie partikolari ta' dan il-każ, huwa già ħallas is-somma ta' €989 li l-Kummissarju tat-Taxxi jsostni li qatt ma rċieva, is-somma ta' €1,252 depożitata minnu b'Ċedola ta' Depożitu għall-finijiet li jottjeni il-ħruġ ta' Kontro-Mandat għall-Mandat ta' Sekwestru bin-Numru 2579/15 u madwar €167 fi spejjeż marbuta mal-Kontro-Mandat u maċ-Ċedola ta' Depożitu msemmija. Għalhekk ma jkunx ġust li issa l-Kummissarju tat-Taxxi jinsisti għall-iżbank tas-somma ta' €276.64 in bażi għall-pretensjoni li bata xi spejjeż ġiudizzjarji; u (iii) meta sar il-Mandat ta' Sekwestru bin-Numru 2579/15, l-imsemmi Mandat ma kien jindika ebda spejjeż ġudizzjarji u b'hekk lanqas ma hu proċeduralment korrett li l-ammont depożitat fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru indikat jiġi rtirat biex jitħallsu spejjeż ġudiżżjarji li ma kienux oriġinarjament indikati fl-istess Mandat ta' Sekwestru;

Rat l-atti taċ-Ċedola ta' Depożitu bin-Numru 2520/15, inkluż ir-Rikors tal-Kummissarju tat-Taxxi ppreżentat fis-7 ta' Diċembru 2017, ir-Risposta ta' l-intimat ippreżentata fis-27 ta' Diċembru 2017 u d-Digriet datat 9 ta' Jannar 2018;

Rat li r-Rikors tal-Kummissarju tat-Taxxi ppreżentat fl-14 ta' April 2021 ġie appuntat għas-smigħ għall-15 ta' Lulju 2021 fl-10:30a.m.;

Rat li waqt is-seduta tal-15 ta' Lulju 2021, il-Kummissarju tat-Taxxi ddikjara li l-iżbank mitlub jirrappreżenta l-ispejjeż inkorsi minnu għall-ħruġ tal-Mandat ta' Sekwestru Nru. 2579/15 u l-intimat iddikjara li l-Kummissarju ma għandux dritt fil-Liġi jitlob l-iżbank ta' dan l-ammont peress illi dan ma ġiex minnu inkluż fil-kreditu minnu pretiż fil-Mandat. Rat li l-partijiet iddikjaraw u qablu li din hija l-unika kwistjoni li trid tiġi deċiża minn din il-Qorti;

Rat l-atti kollha tar-Rikors;

**Ikkunsidrat:**

In bażi għal titolu eżekuttiv ottenut fil-konfront ta' l-intimat ai termini ta' l-Artikolu 40 tal-Kap.372 tal-Liġijiet ta' Malta, liema titolu ġie reż esegwibbli b'ittra uffiċjali bin-Numru 562/09 datata 2 ta' Frar 2009, il-Kummissarju tat-Taxxi talab u ottjena il-ħruġ ta' Mandat ta' Sekwestru bin-Numru 2579/15 fil-konfront ta' l-intimat. Dan il-Mandat inħareġ għall-kreditu fih indikat, ossia s-somma ta' €1,252, u għall-ispejjeż tal-proċedura eżekuttiva, ossia l-ispejjeż għall-ħruġ ta' l-imsemmi Mandat.

Ma huwiex kontestat li sabiex jottjeni l-ħruġ tal-Kontro-Mandat għall-Mandat ta' Sekwestru bin-Numru 2579/15 l-intimat, permezz ta' Ċedola ta' Depożitu, iddepożita s-somma ta' €1,252 hekk indikata fil-Mandat ta' Sekwestru. Lanqas ma huwa kontestat li din is-somma ġiet żbankata mill-Kummissarju tat-Taxxi. Permezz ta' Ċedola ta' Depożitu bin-Numru 2520/15 ippreżentata fis-17 ta' Diċembru 2015, Mediterranean Bank p.l.c. iddepożitat is-somma komplessiva ta' €337.01, li minnhom €60.37 jirappreżentantaw spejjeż tad-depożitu, sabiex is-somma bilanċjali ta' €276.64 tiġi liberalment żbankata minn min għandu dritt għaliha wara li titħalla debita riċevuta.

B'Rikors ippreżentat fis-7 ta' Diċembru 2017, il-Kummissarju tat-Taxxi talab l-iżbank tas-somma ta' €276.64 depożitata biċ-Ċedola ta' Depożitu bin-Numru 2520/15 bħala ħlas in parti ta' l-ispejjeż minnu inkorsi għall-ħruġ tal-Mandat ta' Sekwestru bin-Numru 2579/15. L-intimat oppona għal dik it-talba stante li: (i) minħabba l-fattispecie partikolari ta' dan il-każ, huwa già ħallas is-somma ta' €989 li l-Kummissarju tat-Taxxi jsostni li qatt ma rċieva, is-somma ta' €1,252 depożitata minnu b'Ċedola ta' Depożitu għall-finijiet li jottjeni il-ħruġ ta' Kontro-Mandat għall-Mandat ta' Sekwestru bin-Numru 2579/15 u madwar €167 fi spejjeż marbuta mal-Kontro-Mandat u maċ-Ċedola ta' Depożitu imsemmija. Għalhekk ma jkunx ġust li issa l-Kummissarju tat-Taxxi jinsisti għall-iżbank tas-somma ta' €276.64 in bażi għall-pretensjoni li bata xi spejjeż ġiudizzjarji; u (ii) meta sar il-Mandat ta' Sekwestru bin-Numru 2579/15, l-imsemmi Mandat ma kien jindika ebda spejjeż ġudizzjarji u b'hekk lanqas ma hu proċeduralment korrett li l-ammont depożitat fl-atti tal-Mandat

ta' Sekwestru indikat jiġi rtirat biex jitħallsu spejjeż ġudiżżjarji li ma kienux oriġinarjament indikati fl-istess Mandat ta' Sekwestru.

B'Digriet mogħti fid-9 ta' Jannar 2018, it-talba tal-Kummissarju tat-Taxxi għall-iżbank tas-somma ta' €276.64 depożitata biċ-Ċedola ta' Depożitu bin-Numru 2520/15 ġiet miċħuda stnate li *prima facie jirriżulta li l-intimat ħallas is-sorte darbtejn u stante li l-ispejjeż ma humiex koperti mill-imsemmi Mandat*.

Minkejja tali Digriet, il-Kummissarju tat-Taxxi, b'Rikors ippreżentat fl-14 ta' April 2021, mill-ġdid talab l-iżbank tas-somma ta' €276.64 depożitata biċ-Ċedola ta' Depożitu bin-Numru 2520/15 bħala ħlas in parte ta' l-ispejjeż minnu inkorsi għall-ħruġ tal-Mandat ta' Sekwestru bin-Numru 2579/15, liema spejjeż komplessivament jammontaw għal €396.40 skond taxxa annessa mar-Rikors markata Dok. "B". L-intimat għal darb' oħra jopponi għat-talba tal-Kummissarju tat-Taxxi u jitlob li tiġi miċħuda stante li: (i) talba identika kienet già saret b'Rikors ippreżentat fl-2017, liema talba kienet ġiet miċħuda; (ii) minħabba l-fattispecie partikolari ta' dan il-każ, huwa già ħallas is-somma ta' €989 li l-Kummissarju tat-Taxxi jsostni li qatt ma rċieva, is-somma ta' €1,252 depożitata minnu b'Ċedola ta' Depożitu għall-finijiet li jottjeni il-ħruġ ta' Kontro-Mandat għall-Mandat ta' Sekwestru bin-Numru 2579/15 u madwar €167 fi spejjeż marbuta mal-Kontro-Mandat u maċ-Ċedola ta' Depożitu imsemmija. Għalhekk ma jkunx ġust li issa l-Kummissarju tat-Taxxi jinsisti għall-iżbank tas-somma ta' €276.64 in bażi għall-pretensjoni li bata xi spejjeż ġiudizzjarji; u (iii) meta sar il-Mandat ta' Sekwestru bin-Numru 2579/15, l-imsemmi Mandat ma kien jindika ebda spejjeż ġudizzjarji u b'hekk lanqas ma hu proċeduralment korrett li l-ammont depożitat fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru indikat jiġi rtirat biex jitħallsu spejjeż ġudiżżjarji li ma kienux oriġinarjament indikati fl-istess Mandat ta' Sekwestru.

Minn dak dikjarat mill-partijiet waqt is-seduta tal-15 ta' Lulju 2021, jidher li l-qofol tal-kwistjoni kollha huwa l-fatt li l-Kummissarju tat-Taxxi ma jistax, skond l-intimat, jitlob l-iżbank tas-somma ta' €276.64 verso l-ispejjeż inkorsi għall-ħruġ tal-Mandat ta' Sekwestru bin-Numru 2579/15 stante li tali spejjeż ma kienux indikati fil-Mandat.

A tenur ta' l-Artikolu 274 tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta, li jittratta dwar il-kitba u ħruġ ta' Mandati Eżekuttivi: *(1) Kull wieħed mill-mandati msemmija fl-aħħar artikolu qabel dan* [l-Artikolu 273 tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta] *jiġu maħruġa mill-qorti fuq talba ta' l-esekutant...; (2) It-talba għall-ħruġ ta' mandat jew ordni għandha ssir b'rikors, u dan ir-rikors għandu jindika s-somma jew u, jew il-ħaġa dovuta bis-saħħa tat-titolu, kif ukoll ir-rimedji u, jew provvedimenti mitluba; (3) Fejn it-titolu eżekuttiv ikun ta' xort' oħra milli sentenza tal-qorti li lilha hi magħmula t-talba, kopja ta' l-istess titolu u ta' l-att li fih in-notifika, fejn l-istess notifika hi meħtieġa skond l-artikolu 256, għandhom jiġu ppreżentati flimkien mat-talba; (4)* ***Jekk bl-istess mandat jew ordni jintalab li jiġu rkuprati ukoll spejjeż ġudizzjarji, l-ammont tagħhom għandu jitniżżel fit-talba u t-taxxa ta' dawn l-ispejjeż tiġi annessa magħhom***[1].

[1] Enfasi tal-Qorti.

Fil-fehma tal-Qorti l-kwistjoni kollha tirrivolvi madwar dak provdut fl-Artikolu 274(4) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta, liema provvediment huwa mid-diċitura tiegħu stess, wieħed tassattiv.

Fir-Rikors għall-ħruġ tal-Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv fil-konfront ta' l-intimat, it-talba avvanzata mill-Kummissarju tat-Taxxi kienet fis-sens illi *din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna l-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru f'idejn is-sekwestratarju jew sekwestratarji kif jissemma hawn isfel, kontra s-sekwestrat għall-kreditu infraskritt u għall-ispejjeż ta' din il-proċedura, in esekuzzjoni tat-titlu eżekuttiv hawn isfel imsemmi.* F'din it-talba kjarament qed jintalab l-irkupru ta' l-ispejjeż ġiduzzjarji marbuta mal-proċedura għall-ħruġ tal-Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv u għaldaqstant ai termini ta' dak provdut fl-Artikolu 274(4) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Kummissarju tat-Taxxi kellu **jindika** l-ammont ta' l-ispejjeż relattivi fil-Mandat u **jannetti** taxxa ta' l-ispejjeż relattiva għall-istess mal-Mandat. Dan il-Kummissarju tat-Taxxi però ma għamlux.

Fil-fehma tal-Qorti, fin-nuqqas ta' l-osservanza ta' dak provdut fl-Artikolu 274(4) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta vis-à-vis l-ispejjeż ġiduzzjarji relattivi għall-Mandat ta' Sekwestru bin-Numru 2579/15, il-Kummissarju tat-Taxxi ma jistax jippretendi li għandu bażi u/jew jedd fuq Liema jirkupra tali spejjeż billi jiżbanka a favur tiegħu is-somma ta' €276.64 depożitata biċ-Ċedola ta' Depożitu bin-Numru 2520/15.

L-argument tal-Kummissarju tat-Taxxi li jkun ikar prattiku li jiġi awtorizzat jiżbanka dan l-ammont milli jerġa' joħroġ Mandat Eżekuttiv ieħor fil-konfront ta' l-intimat, bl-ebda mod ma jissana n-nuqqas ta' osservanza ta' dak provdut fl-Artikolu 274(4) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta u ċertament ma għandux iwassal lil din il-Qorti biex tagħlaq għajnejha għal dan in-nuqqas lampanti u tawtorizza żbank li huwa evidentement proċeduralment insostenibbli.

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tiċħad it-talba tal-Kummissarju tat-Taxxi għall-iżbank tas-somma ta' €276.64 depożitata permezz taċ-Ċedola ta' Depożitu bin-Numru 2520/15, avvanzata bir-Rikors ippreżentat fl-14 ta' April 2021.

L-ispejjeż ta' din il-proċedura għandhom jibqgħu a karigu tal-Kummissarju tat-Taxxi.

**Mogħti llum 6 ta' Settembru 2021**

**MAĠISTRAT**